*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Charlot Cassar – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku Mario Calleja ippresedja l-laqgħa.

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

**53.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Charlot Cassar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**53.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sur Lawrence Ciantar mhux ser jkun preżenti għal din il-laqgħa peress li illum sar il-funeral ta' missieru. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**53.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi f'paġna 3, it-tielet paragrafu jrid jinbidel u jinqara kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 2 astenzjoni.

Il-minuti ġew emendati u unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

- *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6:10pm.*

**53.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 3 artiklu 52.6.1 jew kelniex risposta fuq l-*open bus service*.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech spjega illi l-aħħar li tkellem maċ-Chairman tal-Fondazzjoni taż-żoni turistiċi sabiex joħorġu s-sejħa min-naħa tagħhom infurmah illi hija diffiċli li s-sejħa tinħareġ min-naħa tagħhom u jkun aħjar li tinħareġ mil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal li jekk ser noħorġuha aħna ser jkollna noħorġu tender iżda filwaqt jekk tinħareġ min-naħa tagħhom jistgħu joħorġu sejħa għal kwotazzjoni.

Is-Sindku qal li kull ma hemm biss tibdil fl-iskeda u dan għandu jsir min-naħa tagħhom.

**53.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 4 artiklu 52.6.2 u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proġett ta' fuq is-simenta faċċata tal-Knisja Parrokjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien informa lil fondazzjoni taż-żoni turistiċi bit-tibdil fil-pjanta li kien qabel fuqha il-Kunsill u minn dakinhar ma kellu l-ebda risposta.

**53.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 52.3.1 rigward l-bini propost għal għassa fil-lokal.

Is-Sindku spjega illi is-sit huwa eżatt ħdejn il-grada tal-iskola fejn hemm is-simenta u li għanda taħt applikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu aħjar issir fi Triq Santa Tereża ħdejn il-*pump room* minħabba li tista tkun aċċessibili aħjar għal kulħadd u anke minħabba l-impatt viżwali.

Is-Sindku wieġeb li aħjar nipproċedu b'dak li hemm għaliex inkella se jitwal il-proċess u ma jara xejn ħażin, Huwa kompla jgħid li jista liberament jintuża t-taraġ ta' l-iskola jew wieħed jista jibqa tiela bil-vettura tiegħu.

**53.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 52.6.6 jekk instemax l-appel tas-sit Corner View fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi saret talba għad-diferiment tal-appell minħabba li kien hemm il-funeral ta' missier il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li qed jkun hemm ħafna ilmenti min-nies minħabba dawn l-imwejjed.

Is-Sindku qal li saħansitra issa qed jipparkja il-vann tiegħu f'parkeġġ ieħor u qed jużah bħala *store* u hemm ħafna ilmenti mir-residenti.

**53.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 52.6.7 rigward l-applikazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet tal-istabilliment Stefanel fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tfajna l-oġġezzjoni tagħna minħabba li din għada fi stadju ta' applikazzjoni.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

**53.3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hu attenda l-laqgħa li kellhom mal-OPM rigward il-parkeġġ propost f'Marsaskala. Huwa spejga illi ħa miegħu l-minuti u kull dokumentazzjoni mis-sena 2007 fejn il-Kunsill dejjem kien oġġezjona għal parkeġġ fi Ġnien Sant'Anna skond il-minuti. Huwa kompla jgħid illi huma spjegawlu illi l uniku sit possibbli sabiex jsir dan il-parkeġġ kien propju fi Ġnien Sant'Anna, għaliex il-propost parkeġġ taħt il-grawnd tal-iskola kien il-bogħod.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal li l-OPM qed jitolbu illi issir laqgħa mal-Kunsill sabiex jkunu jistgħu jħejju xi pjanti.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6:28pm.***

Is-Sindku qal illi hu kemm il-darba kien ltaqa magħhom sabiex tiġi diskussa din il-materja fuq il-parkeġġ propost fi Ġnien Sant'Anna. Kienu qalulu illi jekk il-parkeġġ jsir fil-ġnien huma kienu ser jibnu il-Kunsill bħala *planning gain*. Huwa kompla jispjega illi parkeġġ fil-Ġnien Sant'Anna kien ser jfisser illi l-parkeġġ ma jistax jsir taħt il-livell tat-triq minħabba il-problema tal-ilma u għaldaqstant kien ser jkun ta' *eye sore* u anke problema għar-residenti tal-faċċata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-budget kien ġie propopst illi jingħażlu Marsaskala u l-Mosta sabiex jsir dan il-parkeġġ u għaldaqstant għalhekk qed jitolbu illi ssir din il-laqgħa għaliex jekk ma jintlaħaqx ftehim ser jkollom jirrikorru għal lokalita` oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm bosta lokalitajiet li wrew ix-xewqa għal dan il-parkeġġ pubbliku imma ma kkwalifikawx.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fil-passat għalhekk konna oġġezjonajna għaliex kif tidħol f'Marsaskala ser tispiċċa tara parkeġġ minflok ġnien.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa preferibilment fit-tielet ġimgħa ta' Jannar sabiex jilħqu jħejju l-pjanti min-naħa tal-OPM.

**53.3.2 Roundabout proposta fi Triq il-Qaliet ma Triq tal-Gardiel:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera bil-pjanti imħejja sabiex issir *roundabout* fi Triq il-Qaliet ma Triq tal-Gardiel, fejn qal li fil-fehma tiegħu hija utli ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa minn kien ser jibni din ir-*roundabout* jekk hux aħna jew ser nitolbu lit-TMalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi nistgħu nitolbu lil TMalta għax taqa eżatt fil-konfini u taħt ir-responsabilta`tagħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil TMalta biex l-ewwelnett japprova u imbagħad iwettaq ix-xogħol propost.

**53.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolament sabiex numru tal-aġena 53.5 jiġi diskuss iktar tard***

**53.6 Data u post għal-laqgħa Annwali tal-Kunsill li se ssir f'Jannar 2017:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa pubblika issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm ġewwa l-Wasteserv.

**53.6.1 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi f'Jannar l-impjegati u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill jingħataw l-*performance bonus* u għaldaqstant staqsa jekk jaqblux li jingħataw il-*performance bonus*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-impjegati jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* cioe 6% filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-*performance bonus* cioe 10%.

**53.6.2 Rapport tal-Awditur Ġenerali fuq il-Kunsill Lokali għas-sena 2015. Il-Kunsill ta' Marsaskala ma jissemma fl-ebda waħda min-nuqqasijiet li semma l-Awditur Ġeneral f'dokumentazzjoni ta' 90 paġna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill illi dan huwa rapport mil-awditur ġenerali għas-sena 2015 fejn juri n-nuqqasijiet tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jgħid illi l-Kunsill ta' Marsaskala mhux wieħed minn dawn il-Kunsilli fil-fatt l-uniku rimarka li hemm hija pożittiva illi l-Kunsill tagħna irnexxielu jġib il-*working capital* pożoittiv.

**53.6.3 Progressjoni għal Skala 10 tas-Sinjura Rebecca Micallef b'mod retroattiv minn Novembru 2016:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sinjura Rebecca Micallef minn Novembru 2016 ser tiprogressa għal skala 10 b'mod retroattiv.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**53.6.4 Żieda fin-notch tas-Sinjura Claire Attard minn Jannar 2017:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sinjura Claire Attard minn Jannar 2017 ser tiprogressa għal skala 13 punt 7.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**53.6.5 Talba għal-laqptop sabiex jituża fl-educational Training Centre mis-Sur Vince Tonna (35/4609/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Vince Tonna qed jitlobna nixtru laptop sabiex jużah fl-educational training centre.

Is-Sindku qal li peress li s-Sur Tonna mhux impjegat mal-Kunsill allura ma nistgħux nixtru laptop.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li nistgħu nsibu xi *sponsor* sabiex jgħatina *laptop* bħat-TCTC li jkun laptop użat imma refurbished.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil TCTC jekk jistax jisponsorizża dan il-laptop.

**53.6.6 <u>Rapport mis-Sur Ryan Portelli Viċi Chairman Douzelage – Youth dwar il-parteċipazzjoni tiegħu ġewwa Sherbourne (35/4571/16/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Ryan Portelli rrappreżenta lil Kunsill bħala Viċi President tad-Douzelage taż-żgħażagħ u ppreżenta r-rapport tiegħu.

Is-Sindku qal li l-laqgħa ġenerali annwali tad-Douzelage ser issir fil-11 ta' Mejju 2017 ġewwa Bad Kotzting fil-Ġermanja. Huwa qal li probabilment nistgħu intellu ħames rappreżentanti iżda talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekja jekk l-ispejjeż jiġux kopruti kollha. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera min hu interessat li jitla

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u s-Sur Daniel Spiteri qalu li huma jkunu interessati li jitilgħu.

Is-Sindku qallhom sabiex jitkellmu u jiftiehmu bejniethom minħabba li ser ikun hemm post wieħed vakanti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitilgħu s-Sindku, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u s-Sur Ryan Portelli u f'każ li l-ispejjeż jkunu kollha koperti jitla ukoll Kunsillier ieħor.

**53.6.7 <u>Cirkulari 48/2016 – Community Workers Scheme:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-evalwazzjoni fuq il-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Community Workers Scheme ta' din l-iskema saret mis-sindku iżda il-flus mhux ser jinħarġu mill-Kunsill skond kif hemm spjegat fiċ-ċirkulari.

**53.6.8 <u>Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi d-Direttur tal-Kunsill Lokali reġa talbu sabiex jressaq din il-materja quddiem il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jaħtarx Deputat Segretarju Eżekuttiv skond kif qed jitlob id-Dipartiment.

**53.6.9 <u>Korrispondenza mingħand is-Sur Edoardo Pagani rigward iż-Żonqor:</u>**

Is-Sindku qal li fiż-Żonqor kien qed jittieħed *sample* tal-blat skond kif hemm spjegat fil-korrispondenza mis-Sur E Pagani liema *sampling* ma kienx jeħtieġ applikazzjoni lil *Planning Authority*.

**53.6.10 <u>Laqgħa dwar il-possibilta` ta' parkeġġ pubbliku:</u>**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa f'53.3.1

**53.6.11 <u>Ftehim iffirmat għal bini amministrattiv tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsilliera illi b'kuntratt tal-fondi li rebaħ il-Kunsill rigward il-bini annimistrattiv tal-Kunsill ġie iffirmat u informa lil Kunsilliera illi 75% ta' l-ewwel €50,000 irċevejnihom. Huma kompla jspjega illi s'issa ikkonfermati huma l-ewwel €50,000 pero` waqt l-iffirmar qalulu illi fit tieni sena għandom jgħaddulna it-tieni €50,000 u fit-tielet sena ser jgħaddulna l-aħħar €50,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel pass huwa li jsir iċ-*change of architect* u jinħareġ it-*tender* għal *piling* liema stima datata 2016 għandha tlaħħaq iċ-ċifra ta' €130,000 fejn €50,000 ser ikunu koperti bl-iskema tal-fondi kapitali li kien rebaħ il-Kunsill.

**53.5** ***Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017;***

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għalkemm ser nappruvaw l-estimi finanzjarji jekk wara il-laqgħa pubblika jkun hemm xi emendi dawn jridu jiġu aġġustati. Huwa kompla jgħid illi is-sistema ta' kif jitħejja l-*budget* ser tinbidel skond kif ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff bdiet billi tispjega il-*budget*.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq iż-żieda li ħa il-Kunsill tagħna fl-allokazzjoni.

53.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsilliera preżenti jekk l-allokazjoni ta' €65,000 fuq tiswija ta' toroq jew hux ser issir Triq il-Qaliet jew Triq tal-Gardiel.

Il-Kunsill qabel unanimament li issir Triq il-Qaliet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-*patching* għandu jsir lejn in-nofs tat-triq u mhux fejn hemm il-parkeġġ biex b'hekk ikunu nistgħu nkopra parti ikbar tal-karreġġjata.

53.5.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi illum iltaqa mas-Sur Borg tan-Nexos il-kuntrattur tad-dawl fejn tkelmu fuq id-dawl il-ġdid li ser jsir fi Triq il-Blajjiet fil-parti mil Luzzu sa ħdejn Triq Għaxqet l-Għajn. Huwa spjega illi huma tal-opinjoni illi l-bozzoz proposti għandhom jkunu *LED* u mhux *Son 70.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għalkemm dawn il-bozzoz ser jiswew €230 kull bozza jiġifieri madwar €100 iktar f'kull bozza illi kif kien stmat dawn ser jservu iktar u jnaqqsu l-konsum tad-dawl. Huwa kompla jgħid li għandna bżonn madwar sittax il-bozza.

Il-Kunsill qabel unaninament illi l-allokazzjoni tad-dawl tiżdied b'€2000 għal dan il-progett.

***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ipproponiet l-approvazzjoni tal-estimi annwali filwaqt li il-Kunsilliera is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

53.7 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;***

53.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ pagamenti b'urġenza peress li waslu tard.

1) Boat Dr rigward it-tiswijiet li saru fuq il-luzzu b'numru tal-invoice 24 li jammonta għal €1132.80 liema muzzu jinsab fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.
2) Is-sur Ronald Bezzina rigward il-kunies kuntratwali tax-xahar ta' Novembru b'numru tal-invoice 27 li jammonta għal €3562.50

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

53.8 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#140-11/11/16):**

*"Jipproponi li il-Kunsill jiddiskuti u jikonkludi mill-aktar fiss possibli problema li bosta residenti ilhom ħafna jilmentaw dwarha, bejn Triq il-Maħsel u Triq il-Qaliet. Fosthom ħaxix ħazin u ħmieġ tal-klieb u nuqqas ta dawl, ta' min josserva ukoll li dan il-passaġ jintuża min ħafna tfal u żgħażagħ. Għalhekk nitolb biex dan il-passaġ li fih madwar 3 metri bi 80 metru jiġi irranġat hu aċċessibli kemm jistgħa jkun malajr."*

Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu, dan il-passaġġ huwa privat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex naraw jekk hux privata jew le u filkas nitolbu lit-TMalta sabiex issir min-naħa tagħhom peress li qatt ma saret.

**53.9 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 12 ta' Jananar 2016 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 53- is-Seba Leġislatura.**